C/2024/6961

18.11.2024

Sommarju ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tas-19 ta' Ottubru 2023

li jirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE

(Każ AT.40636 - SNBB)

(notifikat bid-dokument Nru C(2023) 6863)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6961)

Fid-19 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 [1]*, il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u tal-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluż kull penali imposta, filwaqt li jitqies l-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.*

1. INTRODUZZJONI

(1) Id-Deċiżjoni tirrigwarda ksur uniku u kontinwu skont l-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE. Il-ksur kien jikkonsisti f'kuntatti bilaterali u multilaterali rigward il-prezzijiet tal-bejgħ u l-allokazzjoni ta' kwoti fis-suq dinji tan-negozjanti għal N-Butylbromide Scopolamine/Hyoscine ("SNBB") [2], inkluża ż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE").

(2) SNBB huwa Ingredjent Farmaċewtiku Attiv (Active Pharmaceutical Ingredient, "API") u materjal ta' input importanti għall-produzzjoni tal-mediċina Buscopan u l-verżjonijiet ġeneriċi tagħha. Dawn huma mediċini użati fil-kura ta' mard tal-moviment, cramps addominali, u nawżja u remettar ta' wara l-operazzjoni. Il-SNBB huwa normalment estratt mill-weraq tas-siġar ta' Duboisia, li huma sors naturali ta' SNBB.

(3) Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-entitajiet legali li ġejjin (flimkien imsejħa d-"Destinatarji" jew individwalment bħala d-"Destinatarju"):

a) Alkaloids of Australia Pty. Limited;

b) Alkaloids Corporation;

c) Boehringer Ingelheim Pharma GmbH & Co. KG, Boehringer Ingelheim GmbH u C.H. Boehringer Sohn AG & Co. KG;

d) C-squared PHARMA S.à r.l.;

e) Linnea SA, Ipsen S.A. u Schwabe Extracta GmbH & Co. KG; kif ukoll

f) Transo-Pharm Handels-GmbH u Transo-Pharm Holding-AG.

(4) L-impriżi msemmija fil-paragrafi 3(a) – 3(c) u 3(e) flimkien jissejħu "produtturi tal-SNBB" u l-impriżi fil-paragrafi 3(d) u 3(f) bħala "distributuri tal-SNBB".

[1] ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

[2] SNBB huwa l-akronimu użat ta' spiss fl-industrija. Il-prodott huwa magħruf ukoll bħala Butylscopolamine bromide, Scopolamine butylbromide u Hyoscine butylbromide.

2. **DESKRIZZJONI TAL-KAŻ**

2.1. **Proċedura**

(5) Wara applikazzjoni għal immunità minn C2 PHARMA fil-15 ta' April 2019 skont l-Avviż ta' Klemenza ([3]), il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet għal għarrieda bejn is-17 u l-20 ta' Settembru 2019.

(6) Fid-19 ta' Settembru 2019, Transo-Pharm applikat għall-immunità jew, b'mod alternattiv, għat-tnaqqis tal-multi. L-applikazzjoni kienet segwita minn applikazzjoni għal klemenza minn Linnea fid-29 ta' Ottubru 2019.

(7) Fl-20 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni nediet proċedimenti skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 ([4]) kontra d-Destinatarji tad-Deċiżjoni u b'impriża addizzjonali bil-għan li tiddiskuti magħhom riżolviment fil-qafas tal-Avviż ta' Riżolviment ([5]). Id-diskussjonijiet dwar ir-riżolviment mad-Destinatarji u l-impriża addizzjonali seħħew bejn Diċembru 2021 u Mejju 2023. Kull Destinatarju mbagħad ppreżenta t-talba formali ta' riżolviment skont l-Artikolu 10a(2) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 ([6]).

(8) L-impriża addizzjonali ma ppreżentatx talba formali ta' riżolviment skont l-Artikolu 10a(2) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 ([7]).

(9) Fis-17 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet indirizzata lid-Destinatarji. Id-Destinatarji wieġbu għad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet u kkonfermaw li kienet tikkorrispondi mal-kontenut tas-sottomissjonijiet tagħhom ta' riżolviment u li huma baqgħu impenjati li jsegwu l-proċedura tar-riżolviment.

(10) Il-Kumitat Konsultattiv fil-qasam tal-Prattiki Restrittivi u tal-Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fis-16 ta' Ottubru 2023.

(11) Fis-16 ta'Ottubru 2023, l-Uffiċjal tas-Seduta ħareġ rapport finali f'dan il-każ.

(12) Il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni fil-19 ta' Ottubru 2023.

2.2. **Sommarju tal-ksur**

(13) L-aġir li huwa s-suġġett ta' dawn il-proċeduri kien jikkonsisti f'kuntatti bilaterali u multilaterali li jinvolvu lid-Destinatarji dwar il-prezzijiet tal-bejgħ u l-allokazzjoni ta' kwoti ([8]) fis-suq dinji tan-negozjanti tal-SNBB.

(14) L-għan tal-imġiba kien li tikkoordina u taqbel dwar il-livell tal-prezz minimu tal-bejgħ tal-SNBB għall-klijenti (jiġifieri d-distributuri u l-manifatturi tal-mediċini ġeneriċi) madwar id-dinja u dwar l-allokazzjoni ta' kwoti fost id-destinatarji biex jistabbilizzaw il-prezz tas-suq dinji u biex ma jħalluhx jonqos.

([3]) L-avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell (ĠU C 298, 8.12.2006, p. 17).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, ĠU L 1 tal-4.1.2003, p. 1.

([5]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-mod ta' proċedimenti ta' riżolviment ta' tilwim bil-għan li jiġu adottati Deċiżjonijiet skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-każijiet tal-kartelli, (ĠU C 167, 2.7.2008, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) numru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE, (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18). Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2008 (ĠU L 171, 1.7.2008, p. 3) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1348 (ĠU L 208, 5.8.2015, p. 3).

([7]) Fir-rigward tal-impriża addizzjonali, il-Kummissjoni reġgħet lura għall-proċedura standard għall-adozzjoni ta' deċiżjoni possibbli skont l-Artikoli 7 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

([8]) Il-kwoti ġew allokati għal kull produttur tal-SNBB.

(15) Id-Destinatarji kkoordinaw l-ipprezzar u l-imġiba tas-suq futuri tagħhom permezz ta' kuntatti multilaterali u bilaterali. Il-kuntatti kienu jikkonċernaw: (i) l-iffissar tal-livell tal-prezz minimu tal-bejgħ tal-SNBB impost fuq il-klijenti (jiġifieri d-distributuri u l-manifatturi tal-mediċini ġeneriċi); (ii) l-allokazzjoni ta' kwoti annwali fost il-produtturi tal-SNBB u; (iii) l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva dwar il-prezzijiet tal-bejgħ tal-SNBB u ta' informazzjoni dwar il-fatturi li ġejjin li jinfluwenzaw il-prezzijiet tal-bejgħ tal-SNBB: l-evalwazzjoni tax-xejriet tas-suq ibbażata fuq il-ħsad mistenni tal-weraq mis-siġar ta' Duboisia, is-sitwazzjoni tal-provvista u l-iżvilupp tal-volumi tal-produzzjoni tal-produtturi tal-SNBB.

(16) Il-ksur kopert mid-Deċiżjoni kien mifrux fiż-ŻEE kollha u dam sejjer mill-1 ta' Novembru 2005 sas-17 ta' Settembru 2019.

2.3. **Destinatarji u durata**

(17) Id-Destinatarji tad-Deċiżjoni jinżammu responsabbli għall-ksur għad-durati li ġejjin:

Impriża	Data tal-bidu	Data tat-tmiem
Alkaloids of Australia	l-1 ta' Novembru 2005	is-17 ta' Settembru 2019
Alkaloids Corporation	l-1 ta' Novembru 2005	is-17 ta' Settembru 2019
Boehringer	l-1 ta' Novembru 2005	il-31 ta' Diċembru 2014
C2 PHARMA	it-22 ta' Jannar 2015	l-4 ta' Frar 2016
Linnea	it-2 ta' Ottubru 2006	is-17 ta' Settembru 2019
Transo-Pharm	il-21 ta' Ġunju 2011	is-17 ta' Settembru 2019

2.4. **Rimedji**

(18) Id-Deċiżjoni tapplika l-Linji Gwida dwar il-Multi tal-2006 ([9]).

2.4.1. *Ammont bażiku tal-multa*

(19) Fl-iffissar tal-multi, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-medja annwali tal-bejgħ ta' kull Destinatarju ta' SNBB ikkonsenjat fiż-ŻEE matul il-perjodu kollu tal-ksur. Il-Kummissjoni inkludiet bejgħ intragrupp sal-punt li tali bejgħ huwa bejgħ ristrett fiż-ŻEE ([10]).

(20) Barra minn hekk, fid-dawl tal-mudell kummerċjali speċifiku segwit mid-distributuri tal-SNBB, il-Kummissjoni kkalkolat il-multa tagħhom abbażi tad-differenza bejn il-prezz tax-xiri tal-SNBB imħallas mid-distributuri tal-SNBB lill-produtturi tal-SNBB u l-prezz tal-bejgħ tal-SNBB ikkonsenjat mid-distributur rispettiv tal-SNBB lil klijenti terzi indipendenti fiż-ŻEE.

(21) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-akkordji huma, min-natura tagħhom stess, fost ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni l-iktar dannużi, id-durata tal-ksur, in-natura multidimensjonali tiegħu, il-fatt li l-ksur kien ikopri ż-ŻEE u ammont addizzjonali sabiex l-impriżi jiġu skoraġġuti milli jidħlu għal tali prattiki.

2.4.2. *Aġġustamenti għall-ammont bażiku*

(22) Il-Kummissjoni ma applikat l-ebda ċirkostanza aggravanti jew mitiganti.

([9]) Il-Linji Gwida dwar il-metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU C 210, 1.9.2006, p. 2).

([10]) Il-bejgħ ristrett għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa huwa bejgħ intragrupp ta' SNBB meta l-entità akkwirenti fi ħdan l-istess impriża tuża lil SNBB bħala input fil-produzzjoni ta' prodott ieħor, bħall-Buscopan, li mbagħad jinbiegħ fiż-ŻEE.

2.4.3. *Applikazzjoni tal-limitu ta' 10 % tal-fatturat*

(23) Fil-każ ta' Alkaloids of Australia, il-multa (qabel l-applikazzjoni tat-tnaqqis tal-klemenza u tar-riżolviment) qabżet l-10 % tal-fatturat dinji totali fis-sena kummerċjali ta' qabel id-data tad-Deċiżjoni u tnaqqset skont dan.

2.4.4. *Applikazzjoni tal-Avviż ta' Klemenza tal-2006*

(24) Il-Kummissjoni tat lil C2 PHARMA immunità sħiħa mill-multi. Il-Kummissjoni naqqset il-multa b' 50 % lil Transo-Pharm u bi 30 % lil Linnea.

2.4.5. *Applikazzjoni tal-Avviż ta' Riżolviment*

(25) B'riżultat tal-applikazzjoni tal-Avviż ta' Riżolviment, l-ammont tal-multi tnaqqas b'10 % oħra għad-Destinatarji kollha.

3. **KONKLUŻJONI**

(26) Il-multi li ġejjin ġew imposti skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003:

(a) Alkaloids of Australia Pty. Limited: EUR 559 000

(b) Alkaloids Corporation: EUR 537 000

(c) Boehringer Ingelheim Pharma GmbH & Co. KG, Boehringer Ingelheim GmbH u C.H. Boehringer Sohn AG & Co. KG, responsabbli konġuntament u *in solidum*: EUR 10 401 000

(d) C-squared PHARMA S.à r.l.: EUR 0

(e) Linnea SA, Schwabe Extracta GmbH & Co. KG u Ipsen S.A., responsabbli konġuntament u *in solidum*: EUR 1 791 000

(f) Transo-Pharm Handels-GmbH u Transo-Pharm Holding-AG, responsabbli konġuntament u *in solidum*: EUR 98 000.